MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 832/2009

**Rikors Numru  832/09 SM**

**Fl-ismijiet:**

**Maltrad (Holdings) Limited**

**(Numru ta’ Registrazzjoni C-28800)**

**vs**

**Norbert Coll**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-26 ta' Awwissu, 2009, li permezz tieghu gie sintetikament esponit is-segwenti:

1.1. Illi l-intimat hu debitur tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf Ewro u hamsin centezmu, (€25,000.50), mhux kif indikat fl-istess rikors guramentat promotur;

1.2. Illi dan l-ammont jirrapprezenta self mis-socjeta` *de quo* lill-intimat fuq indikat, u dan, permezz ta' skrittura privata datata l-14 t'April, 2006, (ara foll 3 *et sequitur);*

1.3. Illi nonostante li interpellat, l-intimat baqa` m'ghamel l-ebda pagament fit-termini lilu koncessi *ai termini* tal-paragrafu numru erbgha (4) tal-istess skrittura privata indikata fil-paragrafu precedenti;

1.4. Illi in vista tal-mankanza riferita fil-paragrafu precedenti, l-intimat tilef il-beneficcju tat-terminu, (ara paragrafu numru sebgha (7) a foll 3);

1.5. Illi konsegwentement, is-socjeta` rikorrenti kienet kostretta tadixxi din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` iwiegeb ghas-segwenti talbiet l-istess socjeta` rikorrenti resqet quddiem din il-qorti biex:

1.5.1. Tikkundanna lill-intimat fuq indikat ihallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta’ hamsa u ghoxrin elf Ewro, (€25,000.00), (kif espressament issa mitlub mill-istess socjeta` rikorrenti), rapprezentanti self maghmul lill-istess intimat a bazi tal-iskrittura fuq gia` premessa;

1.5.2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti kontra l-intimat;

2. Rat in-nota tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili datata l-20 ta’ Novembru, 2009, li permezz taghha esebixxa d-dokument appozitu li permezz tieghu jirrizulta li l-intimat gie debitament notifikat bir-rikors guramentat promotur, (ara fol 25 *et sequitur*);

3. Rat ir-risposta guramentata tal-intimat tramite l-mandatarju specjali hemm indikat, datata is-6 ta’ Jannar, 2010, li permezz taghha eccepixxa sintetikament is-segwenti:

3.1. In-nuqqas ta’ gurisdizzjoni tal-qrati Maltin stante li l-intimat hu cittadin Franciz residenti Franza;

3.2. Illi mhux konxju mill-iskrittura privata datata l-14 ta’ April, 2006, (ara foll 3);

3.3. Illi jekk din l-iskrittura tezisti din giet iffirmata fl-ufficcju tas-socjeta` rikorrenti f’ Lugano;

3.4. Illi l-intimat gie Malta darba biss bhala turist u m'ghandhu l-ebda relazzjoni ma' Malta;

3.5. Illi qed jikkontesta ukoll il-validita` tal-iskrittura *de quo* stante:

3.5.1. Vizzju ta' kunsens;

3.5.2. Qatt ma' issellef flus mis-socjeta` rikorrenti;

3.5.3. Li l-iskrittura *de quo* giet a konoxenza tieghu biss minhabba l-procedura odjerna;

3.6. Salv eccezzjonijiet ohra;

4. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-2 ta' Marzu, 2010, li permezz tieghu il-kawza odjerna thalliet ghall-provi dwar l-ewwel eccezzjoni, (risposta), sollevata, (ara foll 33);

5. Rat id-digriet taghha ukoll diversament preseduta datat is-16 ta' Dicembru, 2010, li permezz tieghu hatret assistent gudizzjarju hemm riferit, (ara foll 62);

6. Rat in-nota konguntiva tal-partijiet datata t-30 t'Ottubru, 2012, li permezz taghha ipprezentaw id-dokumenti hemm indikati li

permezz taghhom ippermettew ir-rikostruzzjoni tal-process *de quo* li kien mitluf, (ara foll 75);

7.0. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat it-22 t'Ottubru, 2013, li permezz tieghu infurmaw lill-qorti bis-segwenti;

7.1. Illi l-process kellu jigi rikostitwit ghaliex intilef;

7.2. Illi l-ewwel ghandha tigi deciza l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat;

7.3. Illi t-trattazzjoni finali fir-rigward ta' din l-eccezzjoni preliminari ssir bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 120);

8. Rat in-noti sottomessi mill-abbli rapprezentanti legali rispettivament datati l-5 ta' Dicembru, 2013, (ara foll 125), u z-17 ta' Frar, 2014, (ara foll 135);

9. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

10. Ezaminat ix-xhieda prodotta u d-dokumenti hemm esebiti;

Ikkunsidrat:

11. Illi il-procedura hi, f'dan l-istadju, limitata ghall-epurazzjoni ta' l-eccezzjoni preliminari sollevata, senjatament li din il-qorti m'ghandiex gurisdizzjoni tisma` u tiddeciedi l-procedura odjerna;

12.0. Illi din l-eccezzjoni qed tigi sostenuta mill-intimat stante li:

12.1. Hu cittadin Franciz;

12.2. Gie Malta bhala turista ghal tlett (3) ijiem biss fl-2003;

12.3. Illi kien iffirma diversi dokumenti fl-ufficcju tar-rapprezentant legali mas-socjeta` rikorrenti f' Lugano;

12.4. Illi jista` jaghti l-kaz li iffirma wkoll l-iskrittura privata in dizamina, (ara foll 3);

13.0. Illi in vista tal-premess l-intimat allura isostni s-segwenti:

13.1. Illi m'ghandu l-ebda wahda mis-segwenti karatteristici li jivvinkulawh ma Malta:

13.1.1. Cittadinanza;

13.1.2. Residenza;

13.1.3. Domicilju;

14. Illi konsegwentement l-eccezzjoni preliminari minnu sollevata ghandha tigi akkolta;

Ikkunsidrat:

15.0. Illi minn naha taghha s-socjeta` rikorrenti isostni sintetikament is-segwenti fir-rigward:

15.1. Illi l-kwistjoni preliminari hawn sollevata hi determinata mill-*"Council Regulation"* 44/2001, kif ampliata mill-*"Council Regulation"* 1215/2012, li sintetikament jistabilixxu s-segwenti:

15.1.1. Illi l-principju li l-gurisdizzjoni hi dipendenti mid-domicilju tal-persuna, dan mhux principju assolut;

15.1.2. Illi l-istess Regolamenti jistabilixxu li l-gurisdizzjoni effettiva hi ibbazata fuq konnessjoni cara bejn il-qorti u l-azzjoni, senjatament:

*"The existence of a close connection should ensure legal certainty and avoid the possibility of the defendant being sued in a court of a*

*Member State which he could not reasonably have foreseen"*;

15.1.3. Illi l-possibilita` li persuna domiciljata fi Stat Membru tigi mharrka fi Stat Membru iehor hi espressament kontemplata fl-artiklu 7 mit-Tieni Sezzjoni tar-Regolamenti fuq riferiti;

15.1.4. Illi meta l-partijiet ikunu ftehmu fuq il-*forum* fejn tigi rizolta l-vertenza li jkollhom, din il-klawsola trid tigi rispettata;

Ikkonsidrat:

16. Illi effettivament jirrizulta li l-klawsola numru disgha (9) tal-iskrittura privata patwita bejn il-partijiet tghid is-segwenti:

"The parties hereto agree that the terms and conditions of this contract shall be governed under the laws of Malta";

Ikkunsidrat:

17. Illi ghalkemm fix-xhieda tieghu l-intimat jipprova jitfa` xi dubji rigwardanti l-konoxxenza reali u effettiva tieghu tal-fatt li

allega l-firma tieghu ghall-iskrittura privata datata l-14 t'April, 2006, dan bl-ebda mod ma gie debitament ipprovat;

18. Illi ghalhekk din il-qorti, konxja mir-rigorozita` murija mill-intimat fl-esekuzzjoni tad-drittijiet tieghu fil-procedura odjerna hi konvinta li espleta bl-istess mod skrupoluz l-obbligi tieghu precedentement ghall-attestazzjoni tal-firma tieghu fuq l-istess skrittura privata in dizamina;

19. Illi ghalhekk hi tinsab konvinta li l-istess intimat, kuntrarju ghal dak li jipprova jinsinwa, kien ben konxju tal-obbligi u tad-drittijiet tieghu minnu assunti fl-iskrittura *de quo* fuq riferita;

Ikkunsidrat:

20. Illi rigward il-klawsola numru disgha (9) pattwita fl-iskrittura *de quo*, il-kliem *"governed under the laws of Malta"* jinkludu wkoll l-aspett procedurali li fihom dawn il-ligijiet isibu l-milja taghhom;

21. Illi definizzjoni li tissepara l-aspett sostantiv minn dak procedurali la hu logiku u lanqas tenibbli stante li altrimenti wiehed ikun qed jissoggetta l-interpretazzjoni tal-ligi Maltija ghal strutturi li kulturalment, storikament u gurisprudenzjalment huma estranei ghall-istess;

DECIDE:

22.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti tqis li is-socjeta` rikorrenti ipprovat is-sottomissjonijiet taghha fir-rigward a sodisfazzjon ta’ din il-qorti u konsegwentement:

22.1. Tirrespingi l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat;

22.2. Tiddikjara li din il-qorti ghandha gurisdizzjoni tisma` u tiddeciedi il-vertenza odjerna;

22.3. Tirrizerva l-ispejjez fir-rigward ghall-istadju finali ta’ din il-procedura;

22.4. Tordna l-kontinwazzjoni tal-istess procedura biex jigi issa indirizzat il-meritu tal-istess, u tirrizerva li tappunta l-kawza odjerna ghal data ohra wara li tisma` lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------